LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 594.18

REGOLAMENTI DWAR AĠENZIJI TAL-IMPJIEG*

1 ta' Jannar, 1996

L-AVVIŻ LEGALI 127 tal-1995, kif emendat bl-Avviżi Legali 96 tal-1997, 424 tal-2007, 540 tal-2010 u 426 tal-2012; u bl-Att XXVII tal-2016.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg.

Tifsir.
Emendat: A.L. 540 tal-2010.

2. F'dawn ir-regolamenti kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"aġenzija tal-impjieg" jew "negozju tal-impjieg" tfisser kull attività mwettqa f'Malta għar-reklutaġġ ta' persuni sabiex jiġu impjegati f'Malta jew barra minn Malta;

"applikant għal impjieg" tinkludi kull persuna li tfittex li tagħmel użu mill-opportunitajiet għall-impjieg li jkunu qegħdin jiġu offerti minn aġenzija tal-impjieg jew minn negozju tal-impjieg;

"Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahriġ; Kap. 594.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att;

"detentur ta' liċenza" tfisser id-detentur ta' liċenza biex imexxi aġenzija ta' impjieg jew negozju ta' impjieg;

"Direttur" tfisser id-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg u tinkludi kull uffiċjal tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg li jkun awtorizzat mid-Direttur li jagħmilha minfloku;

"editur" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha mill-Att dwar il-Midja u l-Malafama; Kap. 579.

"impjieg" tinkludi wkoll lil dawk li jimpjegaw lilhom innifishom;

"kondizzjonijiet tal-impjieg" tfisser il-pagi, iż-żmien tal-impjieg, is-sigħat tax-xogħol u l-vakanzi;

"persuna" tinkludi korp ta' persuni u korp ġuridiku mwaqqaf b'liġi;

"persuna kompetenti" tfisser persuna sewwa u xierqa approvata mid-Direttur sabiex tmexxi aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg u li jkollha l-kwalifiki u l--esperjenza stabbiliti bir-regolament 7;

"prinċipal" tinkludi soċjetà, kumpannija, assoċjazzjoni jew kull korp ieħor ta' persuni, sew jekk ikollu personalità ġuridika jew le;

"reklam" tinkludi kull reklam f'pubblikazzjoni jew xandira fuq stazzjon tar-radju jew tat-televiżjoni jew *network* bil-fili;

"servizzi ta' impjieg" tinkludi ż-żamma ta' reġistru ta' applikanti

*Dawn ir-Regolamenti ġew imħassrin bl-Avviż Legali 271 tal-2023.

għal impjieg jew ir-riferiment ta' applikanti għal impjieg, l-impjazzar f'impjieg ta' applikanti għal impjieg; it-tqeghid ta' reklami sabiex jimtlew postijiet battala ta' impjieg, l-intervistar u għażla ta' applikanti għal impjieg u l-offerta ta' kuntratti għal impjieg għal u f'isem kull prinċipal lil applikanti għal impjieg;

"utent" tinkludi lil kull prinċipal jew persuna li ma jkunux applikant għal impjieg li jaghmel użu minn kull servizz provdut minn aġenzija ta' impjieg jew negozju ta' impjieg.

Kondizzjonijiet għat-tmexxija ta' aġenziji jew negozju ta' impjieg. *Emendat: A.L. 540 tal-2010.*

3. (1) Skont l-artikolu 23 tal-Att, ħadd ma jista' jiġġestixxi aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg sakemm:

(*a*) ma jkunx detentur ta' liċenza valida maħruġa lilu mid-Direttur li tkun tawtorizzah li jmexxi dik l-aġenzija jew dak in-negozju f'dak il-fond li jiġi hekk speċifikat fil-liċenza; jew

(*b*) ma jkunx stabbilit skont il-liġi fi Stat Membru biex jiġġestixxi negozju bħala aġenzija tal-impjieg, u jkun informa lid-Direttur li jkun qed jipprovdi servizzi ta' aġenzija tal-impjieg fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data tat-tnedija ta' dik l-attività:

Kap. 500.

Iżda għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, "stabbilit skont il-liġi" għandha tinqara u tiftiehem skont l-Att dwar is-Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern:

Kap. 500.

Iżda wkoll id-Direttur jista' jimponi kull rekwiżit neċessarju fuq il-persuni msemmija fil-paragrafu (*b*) skont l-Att dwar is-Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern u għandu jkun obbligu fuq il-persuni msemmija fil-paragrafu (*b*) li jaderixxu ma' dan.

(2) Ħadd ma jkun kwalifikat li jingħata liċenza biex imexxi aġenzija ta' impjieg jew negozju ta' impjieg skont is-subregolament (1)(*a*) sakemm ma jkollux ħamsa u għoxrin sena jew iktar u jkun wera avviż dwar l-intenzjoni tiegħu li jmexxi l-aġenzija tal-impjieg u jkun irreklama l-avviż tal-applikazzjoni skont is-subregolament (2A).

(2A) Il-proċedura li trid tiġi segwita skont is-subregolament (2) għandha tkun din li ġejja:

(*a*) applikant għal-liċenza skont is-subregolament (1)(*a*) għandu, mhux inqas minn wieħed u għoxrin jum qabel ma japplika -

(i) juri avviz tal-applikazzjoni tiegħu f'post fejn ikun jista' jinqara konvenjentement mill-pubbliku fil-fond jew ħdejn il-fond fejn l-aġenzija jew in-negozju tal-impjieg ikun qiegħed jitwettaq jew ikun ser jitwettaq, u jadotta dawk il-miżuri li jista' raġonevolment jadotta sabiex iżomm dak l-avviż hekk muri għal perijodu ta' wieħed u għoxrin jum; u

(ii) jirreklama avviż tal-applikazzjoni tiegħu f'żewġ ġurnali ta' kuljum; u

(*b*) avviż maħruġ taħt dawn ir-regolamenti għandu juri l-isem u l-indirizz ta' min japplika u meta dan ikun

kumpannija jew xi korp ieħor ta' persuni, in-numru tal-kumpannija u l-uffiċċju reġistrat tagħha, u l-indirizz tal-fond li fih l-aġenzija ta' impjieg jew in-negozju tal-impjieg ikun jinsab fih, jew fejn ikun sejjer jitwettaq, u dak il-fond għandu jkun idoneu skont ir-regolament 7A.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma għandhomx ikunu japplikaw:

(*a*) dwar prinċipal li jiġġestixxi servizz ta' impjieg li jkollu x'jaqsam ma' xi impjieg fl-impriża tiegħu nnifsu jew f'xi impriża li fiha jkun jipparteċipa fit-tmexxija ta' kuljum tagħha bħala sieħeb attiv jew għal kumpannija li fiha l-kumpannija tiegħu ikollha interess bħala attivista maġġoritarja, b'dan illi jekk isir xi reklam sabiex jimtela xi post battal, għandha tiġi speċifikata b'mod ċar l-identità tal-prinċipal fir-reklam; u

(*b*) dwar sevizz ta' impjieg provdut minn aġenzija ta' impjieg f'isem prinċipal li l-identità tiegħu tiġi speċifikata b'mod ċar fir-reklam li jkun qed jistieden applikanti għal impjieg.

Applikazzjoni għal li`enza.
Emendat:
A.L. 424 tal-2007;
A.L. 540 tal-2010;
A.L. 426 tal-2012.

4. (1) Applikazzjonijiet għal liċenzi biex tiġi ġestita aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg għandha tintbagħat lid-Direttur fuq il-formola preskritta fl-Ewwel Skeda. Kull applikazzjoni għandha tinkludi dawn il-partikolaritajiet li ġejjin:

(*a*) l-isem, l-indirizz, numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, in-numru ta' reġistrazzjoni tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud u numru ta' reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income* tal-applikant;

(*b*) l-indiriz tal-post fejn ikun qiegħed jiġi propost li titwettaq l-attività;

(*ċ*) taghrif dettaljat dwar l-attivitajiet li jkunu se jsiru. Dak it-tagħrif għandu jinkludi:

(i) deskrizzjoni tas-servizzi li jkunu qegħdin jiġu proposti li jitwettqu;

(ii) il-proċeduri li jkunu qegħdin jiġu proposti li jiġu segwiti mill-applikanti għal impjieg u mill-utenti;

(iii) il-metodu ta' kif se tiġi finanzjata l-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg jew tas-servizzi ta' impjieg, jekk ikun il-każ, li jkun qed jiġi propost li jiġi offrut;

(iv) dikjarazzjoni mill-applikant li tkun turi li avviż tal-intenzjoni tiegħu kien intwera minnu u li jkunu ġew pubblikati reklami f'mill-inqas żewġ gazzetti kif meħtieġ skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(2A). Kopja tal-avviż u tal-gazzetti li fuqhom ikunu dehru r-reklami għandhom jintehmżu flimkien ma' l-applikazzjoni;

(v) l-isem, l-indirizz u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu u *curriculum vitae* li jkun juri d-data tat-twelid, il-kwalifiki edukattivi u professjonali u l-esperjenza professjonali tal-persuna li tkun se tmexxi l-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg.

(2) Flimkien ma' l-applikazzjonijet għandhom jintehmżu ċertifikat tat-twelid kif ukoll ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija tal-applikant u tal-persuna, jekk ma jkunx l-applikant innifsu, li tkun se tmexxi l-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg.

(3) Għandu jinġabar dritt mid-Direttur ta' tliet mija u disgħa u erbgħin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (349.41) meta ssir l-applikazzjoni. Dak id-dritt ma jkunx jista' jingħata lura lill-applikant jekk l-applikazzjoni tiegħu ma tiġix milqugħa.

(4) Kull notifikazzjoni mgħoddija lid-Direttur skont ir-regolament 3(1)(*b*) għandha tkun tinkludi:

(*a*) l-isem tal-aġenzija ta' impjieg u l-indirizz reġistrat tagħha li għandu jkun fi Stat Membru;

(*b*) l-isem, l-indirizz u n-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni personali ta' persuna li jista' jsir kuntatt magħha u li tkun awtorizzata mill-aġenzija jew negozju ta' impjieg biex taqdi l-funzjonijiet tal-aġenzija jew negozju ta' impjieg f'Malta u prova illi l-persuna hija stabbilita skont il-liġi f'xi Stat Membru ieħor; u

(*ċ*) l-indirizz f'Malta tal-post fejn l-attività tkun qegħda tiġi proposta li titmexxa.

Avviż tal-intenzjoni.
Sostitwit: A.L. 540 tal-2010.

5. Ma tittieħed konsiderazzjoni mid-Direttur ta' ebda applikazzjoni għal liċenza taħt dawn ir-regolamenti sakemm din ma jkollhiex mehmuż magħha ċertifikat, li jkun iffirmat minn min japplika jew f'ismu, li jkun jiddikjara li min applika jkun ikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(2A), kif ukoll kopja tal-ġurnali li jkun deher fihom l-avviż tal-applikazzjoni skont l-istess regolament.

Kondizzjonijiet tal-li`enza.
Emendat: A.L. 424 tal-2007; A.L. 540 tal-2010; A.L. 426 tal-2012.

6. (1) Liċenza biex tiġi ġestita aġenzija ta' impjieg jew negozju ta' impjieg skont ir-regolament 3(1)(*a*) għandha tinħareġ mid-Direttur għal perjodu ta'sena (jew dak il-perijodu itwal, li ma jkunx ta' iktar minn ħames snin, li d-Direttur jista' jistabbilixxi f'kull każ partikolari) li tkun mid-data speċifikata fil-liċenza bħala l-jum tal-bidu fis-seħħ tagħha. Dik il-liċenza tiġġedded għal iktar perjodi li kull wieħed minnhom ikun ta' sena skont jekk ir-rekwiziti msemmija fl-Att u f'dawn ir-regolamenti jkunux ġew kontinwament imwettqa:

Iżda meta talba għal tiġdid tkun waslet qabel l-iskadenza ta' liċenza li tkun fis-seħħ, il-liċenza għandha tibqa fis-seħħ sakemm tittieħed deċiżjoni mid-Direttur dwar it-talba għat-tiġdid tal-liċenza.

(2) Il-liċenzi għandhom jinħarġu mid-Direttur fuq il-formola preskritta fit-Tieni Skeda skont dawk il-kondizzjonijiet li hemm

stabbiliti fl-Att jew f'kull regolament magħmul skont dak l-Att kif jistgħu minn żmien għal-żmien ikunu fis-seħħ u wkoll skont dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu minn żmien ghal żmien jiġu stabbiliti mid-Direttur fil-liċenza sabiex jiżgura li jkun hemm tmexxija sew tal-aġenzija tal-impjieg jew tan-negozju tal-impjieg jew għall-protezzjoni tal-utenti, u b'mod partikolari tal-applikanti għal impjieg. Dawk il-kondizzjonijiet jistgħu jinbidlu mid-Direttur:

Iżda l-liċenzi għandhom jinħargu mid-Direttur fi żmien għoxrin ġurnata tax-xogħol minn meta jiġu riċevuti l-applikazzjoni u d-dokumenti neċessarji skont dawn ir-regolamenti sakemm ikunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti kollha msemmija fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti. Nuqqas ta' rispons fi żmien il-perjodu msemmi hawn qabel ta' għoxrin ġurnata ta' xogħol ma għandux jitqies bħala approvazzjoni taċita tal-applikazzjoni tal-applikant.

(3) Id-detentur ta' liċenza maħruġa bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti jew il-peruna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*) għandu jżomm muri fil-fond li dwaru tirreferi l-liċenza jew fejn in-negozju tal-aġenzija ta' impjieg qed tiġi ġestita, skont il-każ, f'tali pożizzjoni li jistgħu jinqraw minn persuni li jidħlu f'dak il-fond -

(*a*) il-liċenza maħruġa bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti, jekk dan ikun japlika; u

(*b*) kopja ta' dawn ir-regolamenti li għandhom ikunu disponibbli għall-ispezzjoni ta' kull persuna li jkollha interess:

Iżda n-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament jikkostitwixxi kontravenzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Tkun kondizzjoni ta' kull liċenza li persuna kompetenti għandha tkun disponibbli f'kull ħin biex tmexxi l-aġenzija ta' impjieg jew in-negozju ta' impjieg, b'dan illi d-detentur tal-liċenza jista' jinnomina persuna kompetenti waħda jew aktar minn waħda biex toqgħod minflok il-persuna nominata minnu, meta dik il-persuna ma tkunx disponibbli għal xi raġuni ġustifikabbli. Meta persuna tonqos milli timxi skont m'hemm f'dan is-subregolament hija tkun ħatja ta' kontravenzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(4A) Il-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*) għandha tiżgura illi persuna kompetenti tkun f'kull ħin disponibbli sabiex tmexxi l-aġenzija ta' impjieg jew in-negozju ta' impjieg, hekk li din il-persuna tista' tinnomina persuna kompetenti waħda jew aktar minn waħda biex tagħmilha minflok il-persuna nominata minnu, meta dik il-persuna ma tkunx disponibbli għal xi raġuni ġustifikabbli. Meta persuna tonqos milli timxi skont m'hemm f'dan is-subregolament hija tkun ħatja ta' kontravenzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Meta jkun maħsub li jsir xi tibdil fil-post fejn titmexxa l-attività tal-aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg, jew fil-klassi tal-attività li tkun se tiġi ġestita, jew ikun maħsub xi tibdil sostanzjali fil-proċeduri jew fit-trasferiment ta' xi negozju, id-detentur tal-liċenza jew il-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*) għandu javża lid-Direttur bil-miktub dwar it-tibdil propost mhux iktar tard minn xahar qabel ma dan isir. Jekk wieħed jonqos

mili jimxi skont ma hemm f'dan is-subregolament ikun ħati ta' ksur ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-ebda ħaġa f'dan is-subregolament m'għandha tittieħed li qegħda tawtorizza lid-detentur ta' liċenza biex jiġġestixxi xi negozju skont ir-regolament 3(1)(*a*) minbarra skont id-dispożizzjonijiet ta' dik il-liċenza:

Iżda wkoll kull liċenza maħruġa skont dawn ir-regolamenti għandha tiġi approvata b'avviż tal-effett ta' dan ir-regolament.

(6) Ma għandu jkun komplet ebda trasferiment ta' liċenza lil persuna oħra qabel ma dan jiġi approvat bil-miktub mid-Direttur. Meta wieħed japplika għal trasferiment ta' liċenza, id-detentur ta' liċenza għandu jagħti lid-Direttur l-isem, l-indirizz u numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-persuna li jkun hemm ħsieb li lilha tiġi trasferita l-liċenza kif ukoll il-partikolaritajiet u d-dokumenti kollha speċifikati fir-regolament 4 dwar il-persuna li lilha tkun se tiġi trasferita l-liċenza.

(7) Id-dritt ta' tiġdid għal-liċenza ikun ta' tliet mija u disgħa u erbgħin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (349.41) u għandu jithallas lid-Direttur flimkien ma' kull applikazzjoni li ssir għat-tiġdid tal-liċenza. Dak id-dritt ma jingħatax lura jekk l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-liċenza tiġi miċħuda.

Persuna kompetenti. *Emendat: A.L. 540 tal-2010; A.L. 426 tal-2012.*

7. (1) Persuna kompetenti li tiġi nominata minn detentur ta' liċenza jew mill-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*) jew minn applikant għal liċenza biex tamministra aġenzija jew negozju tal-impjieg, jew li tagħmilha minflokha, għandha:

(*a*) tkun għalqet il-ħamsa w għoxrin sena;

(*b*) tkun ta' karattru morali tajjeb; u

(*ċ*) jkollha:

(i) mhux anqas minn sitt snin esperjenza f'attività li tinkludi t-tmexxija ta' riżorsi umani; jew

(ii) mhux anqas minn tlett snin esperjenza f'attività li tinkludi t-tmexxija ta' riżorsi umani u jkollha grad jew diploma, maħruġa mill-Università f'qasam li, fil-fehma tad-Direttur ikun relevanti għat-tmexxija ta' aġenzija tal-impjieg jew ta' negozju tal-impjieg.

(2) Persuna kompetenti li tiġi nominata mill-applikant għal liċenza jew mid-detentur tal-liċenza jew mill-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*) biex tmexxi aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg tkun responsabbli għat-tmexxija sew tal-aġenzija tal-impjieg.

(3) L-applikant għal liċenza jew id-detentur ta' liċenza jew il-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*), skont il-każ, ikunu responsabbli li jiżguraw li d-Direttur jiġi avżat bil-miktub, bl-isem, l-indirizz, in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, u li jingħatalu *curriculum vitae*, kwalifiki u testimonjali dwar l-esperjenza li għandu kif ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ reċentement mill-Pulizija rigward il-persuna minnu nominata bħala persuna li hi kompetenti biex tmexxi l-aġenzija tal-impjieg jew in-

negozju tal-impjieg u ta' kull persuna jew persuna minnu nominati biex jagħmluha minflokha. Fil-każijiet li jaqgħu taħt ir-regolament 3(1)(*a*), tkun kondizzjoni ta' kull liċenza li tiġi impjegata persuna kompetenti biex tmexxi l-aġenzija jew in-negozju tal-impjieg; u li, meta persuna bħal dik ma tkunx ġiet impjegata, id-Direttur jista' jirrevoka l-liċenza.

(4) Ebda ħaġa li hemm f'dawn ir-regolamenti ma għandha ċċaħħad lil xi applikant għal liċenza jew lil xi detentur ta' liċenza jew lil xi persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*) milli jinnomina lilu nnifsu bħala l-persuna kompetenti jew bħala wieħed li jaghmilha minflok persuna kompetenti biex imexxi aġenzija tal-impjieg jew negozju ta l-impjieg, sakemm dak l-applikant għal liċenza jew id-detentur tal-liċenza jew il-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*), skont il-każ, ikollu l-kwalifiki kollha skont dawn ir-regolamenti u jkun approvat mid-Direttur bħala persuna kompetenti.

Idoneità ta' fond. *Miżjud: A.L. 540 tal-2010.*

7A. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, fond għandu jitqies li jkun idoneu jekk dak il-fond ikollu aċċess għall-persuni b'diżabilità, ikollu parti separata li tkun speċifikata bħala *waiting room* kif ukoll ikun jinkludi kamra li tintuża bħala uffiċċju fejn ikunu jistgħu jinżammu intervisti fil-privat.

Rifjut jew revoka jew tibdil fil-li`enza. *Emendat: A.L. 540 tal-2010.*

8. Id-Direttur jista' jirrifjuta applikazzjoni għal liċenza jew jirrevoka liċenza, skont il-każ, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet:

(*a*) għax l-applikant ma jkunx għalaq il-hamsa w għoxrin sena jew ikun naqas milli jimxi skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(*b*) għax l-applikant jew il-persuna nominata minnu bħala persuna kompetenti biex imexxi l-aġenzija ta' impjieg jew in-negozju ta' impjieg ma jippossedix il-kwalifiki kif imsemmija f'dawn ir-regolamenti jew ma jkollux ċertifikat ta' kondotta nadifa mingħand il-Pulizija; jew

(*ċ*) għax il-fond fejn l-aġenzija ta' impjieg jew in-negozju ta' impjieg ikunu qegħdin jiġu proposti li jitmexxew minnu mhumiex idonei skont ir-regolament 7A, jew fejn xi wieħed mis-servizzi tal-impjieg maħsubin fl-applikazzjoni għal liċenza jew fil-liċenza ikun qiegħed jiġi propost li jingħata, skont il-każ, ikun jikser xi liġi jew regolament; jew

(*d*) għax l-applikant ikun naqas li jimxi skont id-disposizzjonijiet tal-Att jew ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi regolamenti oħra fis-seħħ taħt l-Att jew għax ikun naqas li jimxi ma' xi kondizzjoni imposta fil-liċenza; jew

(*e*) għax id-detentur tal-liċenza jew il-persuna kompetenti minnu nominata biex tmexxi l-aġenzija jew in-negozju tal-impjieg jew xi persuna oħra li tkun responsabbli għall-aġenzija jew negozju tal-impjieg tkun talbet xi drittijiet jew ħlas minn applikanti għal impjieg; jew

(*f*) għax l-applikant għal liċenza jew id-detentur ta'

liċenza jew il-persuna kompetenti nominata mill-applikant għal liċenza jew mid-detentur tal-liċenza, ikun instab ħati minn xi Qorti ta' frodi jew ta' xi reat li jikser dawn ir-regolamenti, jew ikun ingħata priġunerija għal kull reat ieħor li jkun; jew

(*g*) għax id-detentur tal-liċenza jkun naqas li jżomm lid-Direttur mgħarraf b'xi tibdil fix-xorta tal-attivitajiet imwettqa jew il-proċeduri adottati jew ikun naqas li skont dawn ir-regolamenti jagħti lid-Direttur il-partikolaritajiet tal-persuna minnu nominata bħala persuna kompetenti biex tmexxi l-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg jew li taghmilha minflok dik il-persuna;

(*h*) għax l-aġenzija ta' impjieg jew in-negozju ta' impjieg ikunu ġew immexxija jew ikunu qegħdin jitmexxew ħażin.

Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att għandhom ikunu japplikaw.

9. Meta d-Direttur ikun bi ħsiebu jirrifjuta li jagħti jew jittrasferixxi jew bi ħsiebu jirrevoka jew jibdel liċenza, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Att għandhom ikunu japplikaw.

Ma għandu jintalab ebda ħlas. *Sostitwit: A.L. 540 tal-2010.*

10. (1) M'għandhu jiġi mitlub ebda ħlas jew dritt, jew dawn jinġabru minn xi applikant għall-impjieg bħala korrispettiv għal dak l-impjieg jew bħala korrispettiv biex jiġi reġistrat għalih.

(2) Ebda tnaqqis m'għandu jsir mill-pagi ta' xi impjegat għal servizzi mogħtija minn aġenzija ta' impjieg jew negozju ta' impjieg.

Pro`eduri li għandhom jiġu segwiti. *Emendat: A.L. 540 tal-2010; A.L. 426 tal-2012; XXVII. 2016.6.*

11. Aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg għandhom isegwu dawn il-proċeduri li ġejjin:

(*a*) Meta jsiru reklami għal postijiet vakanti jew meta ssir xi għamla ta' pubbliċità għall-aġenzija jew negozju tal-impjieg jew għal xi utent, għandu jintwera n-numru tal-liċenza jew kull numru ta' identifikazzjoni ieħor maħruġ mid-Direttur.

(*b*) Ebda persuna li tkun qeghda tfittex impjieg barra minn Malta ma għandha tiġi riferita għal impjieg barra minn Malta kemm-il darba kopja tal-kuntratt tal-impjieg li jkun qed jiġi propost li jiġi offrut lil dik il-persuna ma jkunx ġie approvat mid-Direttur; iżda d-Direttur jista' jeżenta lid-detentur tal-liċenza jew lill-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*) milli jġib dak il-kuntratt meta jkun jidhirlu li l-interessi tal-persuna magħżula jkunu mħarsa biżżejjed. Id-detentur tal-liċenza jew il-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*) ikun responsabbli sabiex jiżgura li l-kondizzjonijiet approvati mid-Direttur jkunu inklużi fil-kuntratt tal-impjieg.

(*ċ*) Meta persuna tkun impjegata minn aġenzija tal-impjiegi jew negozju tal-impjiegi u tiġi riferita minnha lil prinċipal sabiex hija taghti s-servizzi temporanji tagħha lil dak il-prinċipal, l-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg ma għandhomx jitolbu lil dak

il-prinċipal rati għas-servizzi provduti li jkunu inqas minn dawk li jitħallsu minn dak il-prinċipal lill-impjegati regolari tiegħu għal xogħol bħal dak.

(*d*) Id-detentur tal-liċenza jew il-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*), skont il-każ, jew fl-assenza tad-detentur tal-liċenza jew tal-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*), il-persuna kompetenti għandu jżomm dokumentazzjoni li tkun turi l-isem, l-indirizz, numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, kwalifiki u esperjenza ta' xogħol ta' applikanti għal impjieg kif ukoll dokumentazzjoni li tkun turi l-isem, l-indirizz, in-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income* tal-utenti tas-servizzi tal-impjieg. Dik id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għal perijodi ta' mill-inqas sentejn u tkun tista' tiġi spezzjonata f'kull żmien minn spetturi maħtura bis-saħħa tal-Att. Id-detentur tal-liċenza jew il-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*), skont il-każ, jew fl-assenza tad-detentur tal-liċenza jew tal-persuna msemmija fir-regolament 3(1)(*b*), il-persuna kompetenti għandu jiżgura li l-partikolaritajiet inklużi l-isem, l-indirizz u n-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-persuni impjegati tramite l-aġenzija tal-impjieg kif ukoll l-isem, l-indirizz, in-numru ta' reġistrazzjoni tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud u n-numru ta' reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income* tal-prinċipal li dik il-persuna tkun ġiet impjegata miegħu, jaslu għand Jobsplus mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mid-data minn meta jkun inbeda dak l-impjieg.

(*e*) L-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg għandhom jaraw li jiżguraw li ebda applikant għal impjieg ma jiġi riferit lil xi utent kemm-il darba l-utent ma jkunx ta lill-aġenzija tal-impjieg tagħrif preċiż dwar il-post battal li għandu jimtela, inkluża *job description* suffiċjenti, il-patti u l-kondizzjonijiet tal-impjieg offerti u kull ħtieġa speċjali tal-prinċipal. Il-prinċipal għandu jara li jagħti lill-applikanti għal impjieg li jqabbad jaħdmu miegħu ftehim bil-miktub li jkun iħaddan il-patti u l-kondizzjonijiet tal-impjieg.

(*f*) Meta jiġu impjegati baħħara, l-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg kif ukoll l-utent għandhom jaraw li jiżguraw li d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jiġu mħarsa. Kap. 234.

(*g*) Meta ma jitħarsux id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (*a*) sa (*f*), dan ikun jikkostitwixxi kontravenzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

12. (1) Aġenzija tal-Impjieg ma tistax: Impjieg ta' barranin. *Miżjud: A.L. 96 tal-1997.*

(*a*) taħdem biex tipprovdi impjieg f'Malta lil barrani, kemm-il darba dak l-impjieg ma jkunx awtorizzat skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l- Kap. 217.

Immigrazzjoni; u

(*b*) taħdem biex tingaġġa s-servizzi ta' barrani ma' xi prinċipal f'Malta, kemm-il darba dak l-ingaġġ ta' servizzi ma jkunx awtorizzat skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni.

(2) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament "barrani" tfisser persuna li tkun teħtieġ liċenza mingħand il-Prim Ministru biex teżerċita xi professjoni jew xogħol jew ikollha kariga jew tkun impjegata minn xi persuna oħra jew tkun fin-negozju f'Malta, skont l-artikolu 11 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Reklami.

13. (1) Aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg għandhom jaraw li jagħtu risposta fi żmien xahar lil kull applikant għal impjieg li dwaru jkun bagħat applikazzjoni bil-miktub bi tweġiba għal xi reklam. Dik ir-risposta għandha tinkludi *acknowledgement* tal-applikazzjoni u għandha tindika l-isem tal-prinċipal jew tal-aġenzija tal-impjieg jew tan-negozju tal-impjieg, skont il-każ.

(2) Aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg ma jistgħux skont il-liġi f'reklam anonimu jitolbu lill-applikanti għal impjieg li jibgħatu, bi tweġiba għar-reklam, ritratt fotografiku tal-applikant għal impjieg jew xi dokument li jkun jinkludi xi ritratt fotografiku tal-applikant għal impjieg.

(3) Meta jinġieb reklam minn aġenzija tal-impieġ jew minn negozju tal-impjieg mingħajr ma dawn ikollhom xi post battal partikolari, il-prinċipal jew l-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg, skont il-każ, għandhom jispeċifikaw dan il-fatt fir-reklam.

(4) Meta ma jitħarsux id-disposizzjonijiet tas-subregolamenti ta' qabel, dan ikun jikkostitwixxi kontravenzjoni tal-istess regolamenti.

(5) L-editur għandu jara meta jippublika jew ixandar xi reklam, skont il-każ, li jiżgura li d-disposizzjonijiet tar-regolament 11(*a*) u d-disposizzjonijiet tar-regolament 13(2) ikunu ġew imharsa. Editur li jippubblika jew ixandar reklam bi ksur ta' dawn id-disposizzjonijiet ikun ħati ta' kontravenzjoni kontra dawn ir-regolamenti.

Tagħrif konfidenzjali

14. Kull tagħrif mogħti lil aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg minn applikant għal impjieg jew minn utent għandu jitħares bir-reqqa bħala tagħrif konfidenzjali, u m'għandu għal ebda raġuni jiġi mxandar ħlief għal dawk ir-raġunijiet li għalihom ikun ingħata, ħlief bil-kunsens bil-miktub ta' min ikun qed jagħti t-taghrif, jew jekk ma jkunx hemm dak il-kunsens għall-għanijiet li jitħarsu d-disposizzjonijiet tar-regolament 10(*d*) jew sabiex titħares ordni maħruġa minn Qorti kompetenti, jew xi talba mill-Awtorità li tkun qed tagħmel investigazzjoni dwar ilment li jkun tressaq quddiemha. Kull ksur ta' dan ir-regolament jikkostitwixxi kontravenzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

Jeddijiet tad-Direttur.
Emendat: A.L. 540 tal-2010.

15. Id-Direttur ikollu f'kull żmien il-jedd li jeżamina l-kotba, inkluża kull dokumentazzjoni ta' aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg li jkollhom liċenza jew ta' kull aġenzija tal-impjieg jew

negozju tal-impjieg ieħor li jkunu qegħdin jiġġestixxu l-attivitajiet tagħhom f'Malta skont l-Att u dawn ir-regolamenti, jew li jitlob kull tagħrif li fil-fehma tiegħu ikun raġonevolment meħtieġ sabiex jiżgura li l-kondizzjonijiet ta' liċenza maħruġa minnu jew id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jkunu qegħdin jitħarsu, jew sabiex jiġu protetti l-interessi ta' applikanti għal impjieg jew applikanti għal servizzi ta' taħriġ. Meta ma titħarisx xi talba li ssir mid-Direttur skont ma hemm f'dan ir-regolament, dan ikun jikkostitwixxi kontravenzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

16. Ħadd ma jista' jwettaq is-servizzi msemmija fl-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni.

Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni. *Emendat: A.L. 540 tal-2010.*

17. L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tagħti direttivi lid-Direttur ta' xorta ġenerali dwar il-mod kif għandu jwettaq il-funzjonijiet tieghu taħt dawn ir-regolamenti u d-Direttur għandu jqis sew dawk id-direttivi.

Ħruġ ta' direttivi mill-Awtorità.

18. Kull min jikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jkun ħati ta' reat u meta jinsab ħati jista' jeħel multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iktar m inn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37), iżda meta persuna tinsab ħatja li tkun irċeviet xi ħlas minn applikant għal impjieg jew li tkun għamlet xi tnaqqis mill-paga dovuta lil impjegat b'konsiderazzjoni ta' servizzi mogħtija minn aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg, il-Qorti għandha meta tkun qegħda tiddelibera l-piena, tqis kull ħlas lura li dik il-persuna tkun għamlet lill-applikant għal impjieg ta' ħlas riċevut jew tnaqqis magħmul.

Pieni. *Emendat: A.L. 424 tal-2007.*

Emendata:
A.L. 540 tal-2010;
A.L. 426 tal-2012.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 4)

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' IMPJIEG U TAĦRIĠ (KAP. 594)

Applikazzjoni għal liċenza biex tiġi ġestita aġenzija tal-impjieg jew negozju tal-impjieg

(Regolament 4 tar-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg)

1. Isem l-applikant .....
Nru ta' Dokument ta' identifikazzjoni legalment validu .....

2. Indirizz .....

.....

Numru tat-telefon .....

3. Jekk l-applikant ikun kumpannija jew korp magħqud jew korp ta' persuni, għandha tintehmeż lista li tkun iġġib il-firma tal-applikant u li tkun turi l-isem, in-nrmru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu u l-indirizz ta' kull Direttur jew ta' kull uffiċjal li jagħmilha minfloku.

4. In-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud tal-applikant ...

5. In-numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income* tal-applikant .....

6. L-indirizz ta' fejn ikun se jiġi ġestit in-negozju:

.....

7. Attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu proposti li jitwettqu:

.....

.....

8. Partikolaritajiet tal-persuna kompetenti nominata mill-applikant:

Isem: .....
Nru ta' Dokument ta' identifikazzjoni legalment validu .....

Indirizz .....

Data tat-twelid .....

Kwalifiki u esperjenza:

.....

.....

.....

Għandhom jintehmżu ċertifikat tat-twelid, ċertifikat tal-kondotta reċentement maħruġ mill-Pulizija kif ukoll *curriculum vitae* tal-persuna kompetenti. Għandhom jingħataw ċertifikati u dokumenti oħra oriġinali jew inkella kopji veri ċertifikati tagħhom.

(Applikant jista' jinnomina iktar minn persuna kompetenti waħda biex jaghmilha minfloku. F'dak il-każ għandhom jingħataw il-partikolaritajiet imsemmija qabel dwar kull wieħed mill-persuni kompetenti li jkunu ġew hekk nominati).

9. Metodu propost li jiġi provdut għal finanzjament tas-servizzi:

.....

.....

10. Aġħti deskrizzjoni tal-proċeduri li qed jiġu proposti li jiġu segwiti:

(i) mill-applikanti għal impjieg:

.....

.....

(ii) mill-utenti:

.....

.....

11. Din id-dikjarazzjoni li ġejja għandha timtela u tiġi ffirmata mill-applikant:

Niddikjara li l-partikolaritajiet mogħtija hawn iktar qabel huma, sa fejn nista' naċċerta, korretti. Niddikjara wkoll illi:

(i) intwera avviż tal-intenzjoni matul il-perijodu bejn ..... u ..... kif meħtieġ skont ir-regolament 3(2A) f'post viċin fejn qed jiġi propost li jiġi ġestit in-negozju, u

(ii) ġew pubblikati reklami f'dawn il-gazzetti li ġejjin kif jidher hawn taħt:

X'jisimha l-gazzetta	Meta ġew pubblikati
.....	.....
.....	.....

Kopja tal-avviż tal-intenzjoni u tal-gazzetti li fuqhom dehru r-reklami qegħdin jintehmżu ma' din l-applikazzjoni.

Firma ta' min japplika ..... Data .....

Emendata:
A.L. 426 tal-2012.

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 6)

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' IMPJIEG U TAĦRIĠ (KAP. 594)

Liċenza biex jiġu ġestiti Aġenzija tal-Impjieg jew Negozju tal-Impjieg

(Regolament 6 tar-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg)

Data: .....

B'dan qegħda tingħata liċenza skont ma hemm fir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg lil:

Isem id-detentur tal-liċenza: .....
Numru ta' Dokument ta' Identifikazzjoni legalment validu .....

Indirizz: .....

.....

Numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa dwar il-Valur Miżjud .....

Numru tar-reġistrazzjoni tat-Taxxa fuq l-*Income* .....

sabiex tiġi ġestita l-aġenzija tal-impjieg jew in-negozju tal-impjieg deskritt kif ġej:

.....

.....

mill-fond li jinsab fi:

Indirizz tal-fond: .....

.....

Din il-liċenza qegħda tinħareġ bla ħsara għad-disposizzjonijiet tat-Taqsima V tal-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Taħriġ, u tar-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg, u dawn il-kondizzjonijiet speċjali li ġejjin:

.....

.....

.....

Id-detentur tal-liċenza għandu juri fil-pubbliku kopja ta' din il-liċenza u tar-Regolamenti dwar Aġenziji tal-Impjieg f'imkien fil-fond fejn ikunu jidhru faċiliment u jkunu jistgħu jinqraw sew mill-persuni li jidħlu f'dak il-fond.

Din il-liċenza tkun valida għal perijodu ta' sena minn ..... .

DIRETTUR